**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

# Seduta numru 50 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta 30 ta' Ottubru 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Żvilluppi fit-talba tad-Devoluzzjoni t' Tal-Għasfura u l-proġett ta' afforestazzjoni
5. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said u l-Kunsillier Giovann Gatt, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 dwar punt 5 : is-Sindku informa li kien saru żvilluppi sostanzjali fit-tlestija tad-Day Care Centre. Kien ingħalaq l-uffiċċju tal-manager bl-aluminium u ġiet l-għamara għalih mill-Ministeru. Ingħalqet ukoll il-kċina u nġabet l-għamara tal-kċina kif ukoll l-appliances mill-Ministeru. Waslu wkoll l-imwejjed, siġġijiet u s-set ta' TV. Jonqos biss it-twaħħil tal-blinds mad-dawra (ser jerġgħu jittieħdu miżuri ġodda wara li twaħħal l-aluminium) kif ukoll l-aħħar dettalji biex il-post ikun lest biex jibda' jopera.

1.3 Aktar minn hekk, is-Sindku ressaq mozzjoni biex tiġi diskussa liema hi l-aħjar offerta biex tiġi installata konnessjali tat-televiżjoni li ser tintuża fid-Day-Care

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

Centre. Tressqu żewġ proposti : dik ta' Melita u dik ta' Go. Wara diskussjoni u analizzar tar-rati u il-valur intrinsiku ta' kull waħda, sar qbil unanimu li tintgħażel il-proposta 'M' ta' Melita, li tammonta għall-€9.99.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Memo 40/2012 – dwar fondi għall-Librerija Pubblika. Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta u jipparteċipa fl-iskema, u joħroġ 250€-300€. IL-Kunsill qabel ukoll li jieħu l-parir tal-librara biex jara liema mill-kotba u risorsi inkużi fl-iskema ikunu l-aħjar li jiġu akkwistati.

2.4 Memo 35/2012 – dwar skema ta' ingagg ta' persuni bi' bżonijiet speċjali mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f' din l-iskema u seer ikun qaed japplika għal 'Cleaner' fuq bażi part-time.

2.4 Ittra mingħand is-Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Marija Mtellgħa' s-Sema, fejn il-Kunsill kien ikkuppjat f' korrispondenza li intbgħatet lill-Reverndu Kappillan dwar il-parteċipazzjoni ta' baned minn barra l-lokalita' fil-festa ta' Santa Marija.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku indika li peress li, minħabba l-aħħar żvilluppi fil-proposta ta' rinnovvament għall-Triq il-Kbira, kien hemm il-possibilta' li ma jiżerawx siġar taċ-ċipress, kien qed jipproponi li jinbidel l-isem propost għat-triq fl-viċinanzi, liema triq kienet qed tiġi proposta li tissemma' Triq iċ-Ċipress. Saret diskussjoni dwar dan u Giovann Gatt issuġġerixxa li peress li fl-istess inħawi hemm ġiebja antika ta' l-ilma, din it-Triq tista' tissemma' Triq il-Latnija. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u din il-proposta ser tingħata lill-Kumitat tal-Ismijiet ta' Toroq għall-evalwazzjoni tagħhom.

3.2 Is-Segretarju informa li l-Uffiċċjal Eżekuttiv Natasha Cassar bgħatet email biex tistaqsi x' inhi d-deċiżjoni tal-Kunsill li tingħata il-Grad ta' Assistent Prinċipal, Skala ta' Salarju 11. Is-Segretarju spjega li din it-talba kienet diġa' ġiet diskussa f' seduta preċendenti u il-Kunsill kien issuġġerrixxa li jsir groundwork biex jiġu evalwati l-possibiltajiet. Is-Segratrju fil-fatt għamel kuntatt ma' uffiċċjali tad-dipartiment dwar din il-kwistjoni. Saret diskussjoni dwar dan u ttieħdet id-

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

deċiżjoni li is-Sindku u s-Segretarju jagħmlu talba għall-laqgħa mad-dipartiment. Is-Segretarju għaldaqstant ser ikun qed jikkuntatja lis-Sur Adrian Mifsud, li jokkupa l-kariga ta' People Development and EU & International Affairs fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq it-talba taż-żewġ ħaddiema klerikali sabiex ikollhom email personalizzata fuq il-linja tal-MITA, @gov.mt. Ġie diskuss dan il-bżonn u kien hemm qbil li dan issir. Il-Kunsill ser ikun qed iħallas €59.00 għal-sena għaż-żewġ linji tal-email.

## 4. Żvilluppi fit-talba tad-Devoluzzjoni t' Tal-Għasfura u l-proġett ta' afforestazzjoni

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar aħbarijiet u żvilluppi li kien hemm dwar il-proġett tad-Devoluzzjoni f' Tal-Għasfur u l-proġett ta' afforestazzjoni konness. Is-Sindku informa li wara diskussjoni li kien hemm ma' sid l-għalqa ta' biswit il-fortizza, u wara li ġiet propost li ssir skrittura legali, il-bidwi u l-mara tiegħu sabu diffikultajiet. Għaldqastant issejħet laqgħa bejn il-partijiet konċernati (il-Kunsill, L-HSBC Foundation, l-periti u l-Institute for Earth Sciences tal-Universita' ta' Malta. Il-konklużjoni ta' din il-laqgħa kienet li ssir on-site inspection meta l-Lands Division ser jiltaqgħu mal-bidwi biex kollox jiġi diskuss.

4.2 Wara li din l-on-site inspection saret, u l-bidwi naqas li jattendi, ġie deċiż li l-Lands Division ikomplu bit-tħejjijiet għad-devoluzzjoni, speċjlament in vista tal-fatt li l-HSBC foundation irridu jkomplu bil-proġett b'effett immedjat kif ukoll minħabba iż-żmien tat-tixtil tas-siġar proposti li hu marbut bil-mixja tal-istaġuni.

## 5. Affarijiet Mixxellanji

5.1 Eman Vella informa li kien qed jaħdem biex jikkonkludi il-claims ta' Biolmed u Cypfire.

5.2 Giovann Gatt semma' li kien hemm bżonn ta' adwar 15 –il siġra biex jitħawwlu. Is-Sindu informa li kienu ser jixxettlu madwar 300 siġra taċ-ċipress.

5.3 Eman Vella informa li fl-inħawi ta' Is-Santi kien hemm l-ewwel bozza fuq l-arblu ma kienitx tixgħel. Is-Sindku kien ser imur jara u jara x' jista' jsir.

5.4 Giovann Gatt talab li ssir mera' tat-traffiku żgħira fl' inħawi ta' Binġemma biex jitnaqqas il-periklu tat-trafiku. Il-Kunsill qabel li din issir.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

5.5 Ġew diskussi 4 kwotazzjonijiet għall-chainsaw 18". Dawn kienu:

- I.V. Portelli & Sons : €373.71
- Bonnici Stores : €354.31 (ma kellux il-kwalitajiet li l-Kunsill kien qed ifittex)
- Bonnici Stores : €503.15
- Zahra Enterprises : €395.00

Għaldaqstant, anke' fid-dawl taz-zjajjar mill-handyman fil-ħwienet imsemmija, il-Kunsill qabel li jinxtara dak ta' I.V. Portelli & Sons.

5.6 Clayton Gauci informa li kienet tħabbret il-mewt tas-Sur Terry Egan tal-kumpanija Ingliża Mill Engine, li kien involut fil-proġett tar-rinnovament tal-mitħna u s-silos tal-qamħ f' Ta' Palma. Għaldaqstant ser tintbgħat nota ta' sobgħa lill-kumpanija.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :10pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Novembru fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

| | |
|---|---|
| ***Cyprian Dalli*** | ***Paul Vella*** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |